**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

GUDIKATUR
DR MARSETTE PORTELLI XERRI LL.D.
LL.B, N.P, LL.D, M.A., Dip. Tesol (Trinity)

**Seduta ta' nhar L-Erbgha, 3 ta' Lulju, 2024**

Kawza Numru: 5/2022 (MPX)

**Rosita Kvas (K.I. 16977G)**

**vs**

**Julius Kvas (K.I. 690817L)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba, li permezz taghha l-attrici talbet kif gej:

1. Illi b'sentenza, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Superjuri, Sezzjoni Familja, datata l-24 ta' Lulju, 2009, il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghaliha;

2. Illi l-konvenut naqas milli jhallas manteniment kif ordnat ghax-xhur ta' Lulju, 2020, Awwissu 2020, u minn Jannar 2021 sal-lum, cioe` Marzu, 2022. Dan ghal total ta' sbatax (17)-il xahar, u cioe` tlett elef u erba' mitt Ewro (€3,400).

Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn m'ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal li jhallas lill-attrici s-somma ta' €3,400 f'manteniment kif fuq spjegat, bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv u bl-ingunzjoni tal-konvenut minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha laqa' ghat-talbiet attrici bif gej:

1. Illi l-ammont mitlub ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3,400) m'huwiex dovut.

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-affidavit tal-attrici, ikkonfermat bil-gurament taghha, li permezz tieghu ddikjarat kif gej:

Illi hija zzewget lill-konvenut fil-15 ta' Jannar, 2000, fejn imbaghad isseparaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, ta' nhar l-24 ta' Lulju, 2009. Tghid li skont dik is-sentenza, kien gie deciz illi l-konvenut kien il-htija tal-firda, u li ghalhekk dan kellu jibqa' jhallas manteniment lilha personali. L-ammont tal-manteniment gie stabbilit mill-Qorti firrata ta' mitejn Ewro fix-xahar.

Tghid illi l-konvenut dejjem kien igibha bi kbira biex ihallas il-manteniment, u dejjem jara kif jaghmel biex ma jhallasx. Fil-fatt, ta' min jghid illi lura f'Awwissu, 2016, huwa kien waqqaf il-manteniment taghha ghal kollox. Tghid illi dakinhar hija kienet kitbitlu bl-avukat taghha.

Izzid tghid illi l-kovenut rega' waqqfilha l-manteniment ghal kollox, fejn, l-ahhar li avvanza hlas kien f'Marzu, 2020. Dan skont kif jidher mill-istatement bankarju anness. Tghid li ghax-xhur ta' April, 2020 u Mejju, 2020, il-konvenut kien hallasha permezz ta' cekk wara hafna zmien.

L-attrici tghid illi kienet kostretta toftah din il-kawza peress li l-konvenut baqa' ma hallashiex il-manteniment kif ordnat mill-Qorti, liema pagamenti nieqsa jmorru lura sa minn Lulju, 2020.

Tghid illi peress li l-konvenut naqas milli jhallasha l-manteniment, hija spiccat tirrikorri ghall-Qorti Kriminali sabiex tigbor xi haga mill-flus tal-manteniment, izda l-konvenut kien jara kif jaghmel biex jevita lill-pulizija meta dawn imorru biex iservuh bil-kawzi kriminali, bil-konsegwenza li dawn ma jsibuh qatt u l-kawzi kriminali jaqghu preskritti, skont il-ligi kriminali.

Izzid tghid illi wara wahda minn dawn il-kawzi kriminali li fiha kienet talbet hlas ghall-manteniment minn Awwissu, 2020, sa Dicembru, 2020, il-konvenut kien hallas l-ammont tal-manteniment ghax-xhur ta' Novembru, 2020 u Dicembru, 2020. Dan wara li x-xhur ta' Awwissu, 2020, Settembru, 2020, u Ottubru, 2020, waqghu preskritti u l-konvenut kien ordnat mill-Qorti Kriminali sabiex ihallas tax-xhur l-ohra. Tghid li dan il-hlas sar b'cekk, u li mill-bqija, minn dakinhar, il-konvenut ma hallas xejn iktar.

Tghid illi kienet kostretta tiftah din il-kawza peress illi l-konvenut baqa' ma hallashiex il-manteniment skont kif ordnat mill-Qorti, liema pagamenti tal-manteniment nieqsa jmorru lura sa minn Lulju, 2020. Tghid li permezz ta' din il-kawza hija qieghda titlob il-hlas tal-manteniment minn Lulju, 2020, sa Frar, 2022, fl-ammont globali ta' €3,000.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess affidavit.

Ra n-nota ta' riduzzjoni, ipprezentata waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar, 2023, li permezz taghha l-attrici ddikjarat illi qieghda tnaqqas l-ammont minnha reklamat b'€400, biex b'hekk l-ammont minnha pretiz nizel ghal €3,000.

Rat ix-xhieda ta' Dottor Mary Debono Borg, moghtija minnha waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu, 2023, fejn esebiet kopja tas-sentenza fl-ismijiet 'Rosita Kvas vs Julius Kvas'; kawza numru 18/2000, deciza nhar l-24 ta' Lulju, 2009, mil-liema sentenza hija kkonfermat li ma kien gie interpost l-ebda appell, u li ghaldqstant hija wahda finali.

Rat is-sentenza fuq imsemmija, fejn, fl-ewwel paragrafu ta' pagna 12 tal-istess, liema paragrafu jaqa' taht il-parti numru 5, intestata 'Manteniment ghall-attrici', taqra kif gej:

> *"[…] Il-qorti tqis li l-attrici ghandha l-kwalifiki mehtiega sabiex ikollha dhul li bih tmantni lilha nnifisha. Il-qorti tifhem li l-prijorita` tal-attrici hija li taghti trobbija b'sahhitha lil bintha. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li ma tistax tiddedika certu ammont ta' sighat kull gimgha ghal xoghol bi qliegh. Jekk taghmel hekk ma jfissirx li tkun qed tonqos lil bintha, u l-qorti temmen li ghandha l-hin biex taghmel hekk. Inoltre, l-attrici ghadha zghira fl-eta`. Min-naha l-ohra, il-qorti m'hijiex konvinta li l-attrici ghandha d-dhul li qieghed isostni l-konvenut. Fic-cirkostanzi, il-qorti ser tiffissa manteniment ta' mitejn Ewro (€200) kull xahar."*

Ra l-affidavit tal-konvenut, li permezz tieghu ddikjara illi huwa ssepara mill-attrici permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, moghtija fl-24 ta' Lulju, 2009. Huwa jzid jghid illi l-Qorti ordnatlu jhallas l-ammont ta' €200 fix-xahar in linea ta' manteniment lil martu. Jghid illi f'dak iz-zmien, bint il-partijiet kien ghadha minuri, ta' tmien snin, u li l-qorti kienet tat id-decizjoni dwar manteniment sabiex l-omm setghet tiddedika iktar hin lit-trobbija ta' bintha, milli jkollha tohrog ghax-xoghol. Izid jghid li l-bint illum il-gurnata ghandha 23 sena.

Izid jispjega illi huwa specjalist fil-kirurgija generali, u li f'dak iz-zmien kien ghadu impjegat fir-Renju Unit fejn kellu introjtu dicenti. Jghid illi irtira fl-2020 meta lahaq l-eta` tal-irtirar, mil-liema perjodu l-introjtu tieghu naqas drastikament. Jghid ill illum il-gurnata huwa jircievi pensjoni ta' €650 fix-xahar u m'ghandux minn fejn ihallas il-manteniment lill-attrici peress illi qieghed jghin lil bintu finanzjarjament ghall-akkomodazzjoni taghha ghaliex l-istipendju li tircievu m'huwiex sufficjenti.

Jghid illi kemm ilu li rtira, qieghed isibha impossibbli sabiex ilahhaq mal-ispejjez, u jinsab ghaddej minn zminijiet difficli. Izid jghid li din is-sitwazzjoni qieghda tittormentah.

Jispjega illi l-attrici pprezentat mandat ta' sekwestru u blokjatlu l-kontijiet bankarji tieghu. Jghid illi hemm pendent kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, liema kawza ghandha n-numru 11/2020 (BS), fl-ismijiet 'Julius Kvas vs Rosita Kvas', permezz ta' liema qieghed jitlob lill-Qorti tirrevedi s-sentenza moghtija fl-24 ta' Lulju, 2009, u sussegwentement tezentah mir-responsibilita` ghall-hlas ulterjuri ta' manteniment lill-attrici, u dan stante li c-

cirkostanzi tal-partijiet inbidlu drastikament, fejn l-attrici llum il-gurnata hija ngaggata f'impjieg fuq bazi *full-time*, u l-bint hija ta' eta` magguri. Jghid li minkejja l-ghadd ta' rikorsi li ressaq quddiem il-Qorti, il-Qorti tal-Familja, il-qorti cahdet it-talba tieghu.

Izid jghid illi ma jemminx li skont il-principju tal-ekwita` huwa ghandu jigi kkundannat ihallas il-manteniment lill-attrici meta m'huwiex f'sitwazzjoni finanzjarja li tippermettilu jmantni lilu nnifsu.

Ikkunsidra:

Illi din il-vertenza tikkoncerna allegat nuqqas ta' hlas ta' manteniment mill-konvenut ghal perjodu ta' seba' xhur, imsemmija fl-Avviz tat-Talba. Il-pretensjoni tal-attrici hija dedotta mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Superjuri, Sezzjoni Familja, datata l-24 ta' Lulju, 2009, u li giet esebita.

Is-sentenza, li hija wahda finali, hija cara u tordna l-hlas mitlub mill-attrici. Il-konvenut min-naha tieghu jargumenta u jeccepixxi li m'huwiex obbligat ihallas, fejn, fix-xhieda tieghu jsostni li c-cirkostanzi tal-partijiet inbidlu drastikament.

It-Tribunal evalwa wkoll in-noti mressqa mill-partijiet, fejn:

Fin-nota pprezentata minnu fis-27 ta' Novembru, 2023, il-konvenut jghid illi:

- Fil-15 ta' Dicembru, 2020, qabel il-ftuh ta' dawn il-proceduri, huwa kien ghamel pagament ta' €800 fi hlas ta' manteniment ghax-xhur ta' Lulju, 2020, Awwissu 2020, Settembru, 2020, u Ottubru, 2020, permezz ta' cheque BOV 3441;
- Fit-23 ta' April, 2021, kien ghamel pagament iehor ta' €800 fi hlas ta' manteniment ghax-xhur ta' Novembru, 2020, Dicembru, 2020, Jannar, 2021, u Frar, 2021, b'cheque BOV 3489, kif jirrizulta mill-verbli tas-seduti fil-proceduri li kien hemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Julius Kvas';
- Il-pensjoni tieghu, kif johrog mid-dokumenti annessi, mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali tal-iSlovakkja hija ta' €300 fix-xhar, filwaqt li dik mahruga mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali ta' Malta hija ta' €319.88 kull erba' gimgha fis-sena 2021, ta' €328.20 fis-sena 2022.

Permezz tan-nota guramentata taghha, ipprezentata fl-10 ta' Jannar, 2024, l-attrici tirribatti n-nota tal-konvenut kif gej:

- Ic-cekk datat il-15 ta' Dicembru, 2020, jirreferi ghal mantenimenti li kienu qabel it-terminu ta' din il-kawza. Julius Kvas waqaf ihallas manteniment f'Novembru, 2019m u minn dakinhar bdew serje ta' kwereli. Il-pagamenti li jidhru hemmhekk jirreferu ghal pagamenti li ma humiex inkluzi fix-xhur imsemmija fil-premessi ta' din il-kawza;

- Illi din il-kawza, skont ma jirrizulta mill-premessi taghha, tikkoncerna l-manteniment ghax-xhur ta' Lulju, 2020, u Awwissu, 2020, u minn Jannar 2021 sa Marzu, 2022
- Ix-xhur ta' Novembru, 2020, u Dicembru, 2020, qatt ma ntalbu f'din il-kawza, filwaqt li ghax-xhur ta' Jannar, 2021, u Frar, 2021, inkluzi erronjament, dawn gew imnaqqsa.

Permezz ta' nota ulterjuri, ipprezentata fl-20 ta' Frar, 2024, il-konvenut jiddikjara li:

- Il-manteniment ta' Lulju, 2020, gie saldat, kif jirrizulta mill-komparixxi u verbal tal-kawza tal-Pulizija hemm annessa;
- Il-manteniment ta' Awwissu, 2020, Settembru, 2020, Ottubru, 2020, Novembru, 2020, gie saldat b'cheque BOV 3441, esebit man-nota precedenti, u ta' Dicembru, 2020, Jannar, 2021, Frar, 2021, u Marzu, 2021, gew saldati bic-cheque BOV 3489, esebit ukoll man-nota precedenti tieghu, u l-kawzi tal-Pulizija gew decizi billi gew iddikjarati procediment ezawrit.

Permezz tan-nota ulterjuri taghha, ipprezentata fit-18 ta' Marzu, 2024, l-attrici tghif kif gej, filwaqt li tikkonferma n-nota gia` pprezentata minnha:

- Dwar il-komparixxi esebita, din m'ghandha xejn x'taqsam man-nota ta' warajha. In-numru tal-kawza jidher differenti, u d-data tas-smiegh tal-kawza wkoll. Aktarx li l-akkuza in kwistjoni hija wahda minn dawk li gew preskritti ghaliex Julius Kvas dejjem jahrab lill-Pulizija li jzommu n-notifiki.

It-Tribunal evalwa d-dokumenti pprezentati man-noti tal-konvenut, mil-liema jirrizultalu li:

- Id-dokumenti esebiti a fol. 68 u 69 tal-process jindikaw dati tas-seduti differenti minn xulxin, u ghalhekk it-Tribunal ma jistax ikun konvint li dawn jirrelataw ma' xulxin;
- Fir-rigward tal-hlas maghmul permezz tac-cheque numru 3441, ma gew prodotti l-ebda dokumenti attestanti ghall-perjodu ta' manteniment hemm kopert, u ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax ikun konvint minn dak espost fin-nota, mhux ikkonfermata bil-gurament tal-konvenut, rigwardanti l-istess;
- Ra, li kif jirrizulta mill-atti, l-ammont relattivi ghax-xhur Novembru, 2020, u Dicembru, 2020, m'humiex qed jigu mitluba permezz ta' dawn il-proceduri;
- Skont il-verbal relattiv ghas-seduta tat-23 ta' April, 2021, gie dikjarat li l-imputat ghadda s-somma, fil-konfront ta' Rosita Kvas, seduta stante, ghax-xhur ta' Jannar u Frar, 2021, liema ammonti, gew korrettement ridotti mill-ammont originarjament pretiz, stante li dawn qed jigu mitluba permezz ta' dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ultirjorment:

Dan it-Tribunal zgur u bla ebda dubbju m'ghandu l-ebda kompetenza li jbiddel jew li jvarja ordni moghtija permezz ta' sentenza, u l-konvenut dan jafu tajjeb peress li jirrizulta mix-xhieda tieghu li inizjala anke proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja.

It-Tribunal, ghaldaqstant, wara li ha konjizzjoni tal-atti kollha, wara li evalwa l-provi prodotti, u in linea ta' dawk hawn ikkunsidrat, jaqta' u jiddeciedi billi, filwaqt li jichd l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attrici l-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000), bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-prezenti istanza ghandhom ikunu a karigu tal- konvenut.

(ft.) Dr. Marsette Portelli Xerri
*Ġudikant*

(ft.) Martina Axiak
*D/Reġistratur*

Vera Kopja

Għar-Reġistratur